Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,504, 10 ta' Settembru, 2025
Taqsima B

A.L. 193 tal-2025

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ
(KAP. 441)

Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ u t-Tqassim ta' Biljetti u Materjal Promozzjonali minn Spazji Pubbliċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 17(k) tal-Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, il-Ministru responsabbli għall-kummerċ għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2025 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ u t-Tqassim ta' Biljetti u Materjal Promozzjonali minn Spazji Pubbliċi u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Bejgħ u t-Tqassim ta' Biljetti u Materjal Promozzjonali minn Spazji Pubbliċi, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali".

L.S. 441.12.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu l-kliem "u dħul fis-seħħ" għandhom jiġu mħassra;

(b) in-numru (1) li jirreferi għas-subregolament (1) għandu jiġi mħassar;

(ċ) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi mħassar.